Bus... 3/7/48

IT-TIENI KTIEB
TA' L-ERBGHA U GHOXRIN SENA

ĠUNJU
1948.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR.

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

| | | |
|---|---|---|
| *Editorjal* — Il-Bieraħ u l-Lum | Faċċ. | 33 |
| A. C. — Ninu Muscat Fenech | ,, | 36 |
| DUN FRANS CAMILLERI — *Tinżilx, ja xita!* | ,, | 39 |
| WALLACE GULIA — *Friefet* | ,, | 39 |
| ERIN SERRACINO-INGLOTT — *Sunetti tal-Gwerra* | ,, | 40 |
| R.M.B. — Ġawhar ta' Ħrejjef | ,, | 41 |
| WALLACE GULIA — *Tifkiriet* | ,, | 42 |
| ĠUŻE' GALEA — Coleridge u Malta | ,, | 43 |
| C. M. DE CARO — Niccolò Isouard | ,, | 48 |
| S. GATT — *Uganda* | ,, | 49 |
| Ċerimonja ta' Tifkira lil Ġanni Vassallo | ,, | 50 |
| It-Tielet Konkors Teatrali | ,, | 52 |
| Ktieb Ġdid ta' Alb. Cassola | ,, | 59 |
| FREDU NICHOLAS — Il-Lsien Għarbi | ,, | 60 |
| * * * — *Din ta' sidek l-għajta* | ,, | 64 |

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

ĠUNJU 1948


## IL-BIERAH U L-LUM

JEKK naghtu daqqa ta' ghajn lejn il-ġrajjiet li ghaddew minn fuq il-ħajja tal-Lsien Malti, kif nafuh il-lum, insibu li ma' tul dawn il-ġrajjiet intisġet l-istorja tal-kitba Maltija, li ma tgħoddx iżjed minn madwar mija u ħamsa u għoxrin sena.

Għalkemm it-twelid tal-kitba Maltija donnha ħaġa tal-lbierah (u meta ngħidu kitba Maltija ma rridux infissru studji filoġiċi jew grammatikali jew xi voabularji tal-Malti, imma letteratura Maltija) jidher li fejn dik ta' ilsna oħra, imxiet f'daqqa waħda 'l quddiem, l-iktar f'dawn l-aħħar sittin sena. Inħallu barra xi prietka bil-Malti li bdiet tinkiteb bejn it-tmiem tasseklu sittax u l-bidu tas-seklu sbatax, u d-Dutrina bil-Malti ta' Dun Franġisk Wzzino li ħarġet fl-1752, il-kotba tal-qari bil-Malti għat-tfal ma bdewx jinkitbu qabel l-1824. It-tlieta jew erbgħa min-nies li kienu ħadu ħsieb dan it-tagħlim ta' qari Malti fost il-poplu, tneħħi 'l Vassalli, li tiegħu għandna t-traduzzjoni tas-Sultan Ċiru (minn Rollin) li ħarġet stampata wara mewtu fl-1831, kienu Dun Alwiġ Camilleri, miż-Żejtun, li kellu skola privata r-raħal, u warajh Francis Vella u sieħbu G. Montebello Pulis. Ta' Francis Vella għandna kemm-il ktieb, fosthom Abbecedariu, Kotba tal-Qari u Trattât fuk l'Oblighi tal bniedem (F. Soave), barra minn Grammatika Maltija għall-Ingliżi u Dizzjunarju ċkejken (Malti, Taljan, Ingliż), u x-xogħlijiet tiegħu jinfirxu għal żmien ta' madwar 20 sena. Warajh, iżda fi żmien wieħed, u bil-ħsieb li jaqdu Xirka Ingliża fil-fehmiet protestantiċi tagħha, insibu li daħlu f'dan il-qasam Dr. Cleardo Naudi u Giuseppe Marin Canolo. Din il-ħeġġa u ħidma għat-tagħlim u tixrid tal-qari u kitba Maltija xegħlu u baqgħu jixegħlu minn nofs is-seklu dsatax 'il quddiem, u fost l-ewlenin ta' dan il-moviment kien hemm nies li kitbu sew proża kemm poeżija. Fost dawn ta' min isemmi lil Fortunato Panzavecchia, Richard Taylor, Luigi Rosato, Ludovico Mifsud Tommasi, Clemente Mifsud Bonnici, Annibale Preca, Gio-Antonio Vassallo u Ġ. P. Testaferrata Borg Olivier, Gio-Batta

*Falzon u Dwardu Cachia. Wara dawn, u biċċa minnhom imissu maż-żminijiet tagħna, kellna oħrajn li bil-pinna għallicla tagħhom kattru hekk f'daqqa u bi sħiħ ix-xogħlijiet letterarji tal-Malti li l-lum, teħodhom għalihom, ipattu għan-nuqqas ta' kitba li kellna mill-bidu ta' l-istudju tal-Malti sal-bidu tal-kitba letterarja Maltija. Dawn kienu, fost xi oħrajn ukoll: Gio-Batta Falzon, A. E. Caruana, Napuljun Tagliaferro, Pawlu Bellanti, Manwel Magri, Salvu Frendo de Mannarino, Fonzu Marija Galea, Toninu Muscat Fenech, Killi Ferris, Ġużè Muscat Azzopar, Wistin Levanzin, Fabriz Borg, Temi Zammit, Dun Alwiġ Vella, Ġanni Vassallo u xi ftit oħra.*

*Dawn iż-żewġ kategorij ta' kittieba nibtu, waħda mill-iskola l-qadima ta' minn żmien is-*Società Medica *(1841-1853), żmien Dr. Stefano Zerafa u s-*Società Filologica Maltese *(1843) li kellha l-organu tagħha "Il-Malti", u li l-ħsieb tagħha kien li tgħallem it-Taljan b'mezz tal-Malti u għalhekk l-ortografija tagħha kienet iktarx imsejsa fuq l-ortografija Taljana, u l-oħra minn l-iskola l-ġdida (iżda mhux ġdida sa l-aħħar bħal dik li nibtet mill-"Għaqda" tagħna) li tinfirex minn madwar l-1880, wara li twaqqfet is-*Società per la Cultura della Lingua Maltese, *li minnha tnisslet ix-*Xirka Xemïa, *sistema li għal xi sentejn kienet daħlet fl-iskejjel u li minnha wara xi snin nibet, għall-ħabta ta' l-1894, Kumitat ta' Kittieba Maltin imqanqal mid-Direttur ta' "Il-Habbar", is-Sur Tonin Muscat Fenech, li tiegħu f'din il-ħarġa ġibna daqsxejn ta' bijografija. Għalkemm imħabba xi ċirkustanzi, il-ħidma ta' dan il-Kumitat kienet waqfet u sefgħet fl-aħħarnett fix-xejn bħalma dlonk jiġri f'xi movimenti bħal dawn malli jonqos il-bniedem li kien imexxih, aħna għandna xi ħjiel tal-pjan tas-sistema ta' kitba ta' dan il-Kumitat fil-"Muftieħ tal-Kitba Maltija" (1901), ta' Ġanni Vassallo li kien wieħed mill-membri tal-Kumitat li baqa' jaħdem waħdu u jorqom is-sistema u li fuqu l-"Għaqda" tagħna, b'xi tibdil ta' ittri, bniet issistema tagħha.*

*Mat-twelid tal-"Għaqda" tagħna sebħet epoka oħra ġdida li nistgħu nsejħulha l-"Epoka tad-Deheb" għall-istorja tal-Letteratura Maltija. F'din l-epoka l-ktieb tal-Letteratura Maltija mtela b'dawk il-paġni li meta nqallbu fihom insibu għall-ewwel darba l-isbaħ eżempji ta' proża u poeżija li qabel qatt ma kellna fil-kitba Maltija. Dan kien iż-żmien tal-bidu tas-Seklu Għoxrin*

*Dan il-moviment ġdid li qam f'daqqa waħda, bħalma fissirna fl-editorjal ta' qabel, nibet mal-ġurnal "Il-Habib"; li kien tassew il-ħabib, mhux biss tax-Xirka tal-Haddiema fid-Dar ta' "L'Unione Cattolica", minn fejn kien joħroġ, iżda wkoll tal-Lsien Malti. Taħt l-istess saqaf ta' din id-Dar kennija u mbierka nħolqot "Il-Għaqda" tagħna u minnha—bil-ħeġġa tas-Sur Ġ. Muscat Azzopardi, li kien ukoll id-Direttur ta' dak il-ġurnal, u li wara sar President tal-"Għaqda", u ta' xi erbgħa minn sħabu, fosthom Napulijun Tagliaferro, Pawlu Bellanti u Ġanni Vassallo, u bil-kooperazzjoni letterarja u ospitali tal-Monsinjur Dun Pawl Galea, Direttur ta' l-"Unione Cattolica" li għadu sal-lum jilqagħna bil-ħlewwa kollha taħt is-saqaf ta' dik id-Dar—ħarġet dik il-ġliba ta' kittieba xjuħ u żgħażagħ li fi żmien ta' ftit snin bil-kitba tagħhom kattru u żejnu l-letteratura Maltija.*

*Minn mindu sebħet din l-epoka, minn mindu twieldet il-"Għaqda" sal-lum—sebgħa u għoxrin sena ilu u fuqhom—il-letteratura Maltija kibret bis-sigħat; il-Malti nfeda mill-għajb tal-lsien ta' bla grammatika, ta' bla alfabet u ta' bla valur letterarju; daħal fl-iskejjel u, saħansitra fl-Università, daħal fil-Qrati, fl-Amministrazzjoni Governativa, u l-lum jista' jiftaħar, li barra mill-"Għaqda" għandu fergħat ta' xirka oħra, fosthom dik tal-"Għaqda tal-Malti" ta' l-Università.*

*Il-lum nistgħu bir-raġun kollu ngħidu li f'dak li sar minn sebgħa u għoxrin sena 'l hawn mill-"Għaqda" u ħbieb tagħha għall-progress tal-Malti ma sarx fil-mija u ħamsa u għoxrin sena ta' qabel meta għall-ewwel darba bdew joħorġu l-kotba tal-qari tal-Malti għat-tagħlim tat-tfal.*



# Ninu Muscat Fenech

*Ta'* A. C.

FOST il-kittieba tal-Malti li fis-seklu li ghadda hadmu bi shih ghall-progress tal-Lsien Malti bhala lsien miktub, Ninu Muscat Fenech jista' jitqies bhala wiehed mill-ewlenin taghna. Gie waqt li hu kien, biex inghid hekk, il-molla li biha bdiet titharrek il-makna tal-hidma l-kbira ghat-twaqqif ta' kitba Maltija. U li kieku ma kinux iċ-ċirkostanzi ta' bżonnijiet ohra fil-hajja pubblika li fatmuh f'daqqa wahda mill-hidma ġurnalistika u letterarja tieghu, huwa kien jibqa' jahdem sakemm iwettaq dak l-ideal li, wara tletin sena, il-"Ghaqda" taghna kellha tasal biex twettaq. Huwa kien beda jikteb xi versi bil-Malti fil-ġurnal "In-Nahla Maltija" kif ukoll fil-"Habbar Malti" u, imheġġeġ mis-Sur Ġużè Muscat Azzopardi, baqa' jikteb sew versi kemm proża. Flimkien mas-sehem kbir li ha bhala kontributur fil-"Habbar Malti" fejn dlonk kont tara xi poeżija tieghu, tista' tghid fil-biċċa l-kbira tal-harġiet ta' dan il-folju, huwa minnufih ha wkoll sehem kbir fl-amministrazzjoni tieghu bhala Kaxxier u Redattur. Id-Direttur ta' dan il-ġurnal kien dik il-habta Ġorġ Crispo Barbaro, Markiż ta' San Ġorġ, li wara sena telaq minn din il-kariga u floku dahal ghas-sehh Ninu Muscat Fenech.



Ninu Muscat Fenech.

Dak iż-żmien ma kienx hawn ġurnal li jinteressa ruhu fil-progress tal-kitba Maltija daqs "Il-Habbar". Il-pulitka ta' dan il-folju, sa minn meta kien taht it-tmexxija tal-Markiż Barbaro, kienet li tahdem ghall-kitba tal-Malti fost il-poplu u xxerred il-koltivazzjoni taghha; taht it-tmexxija ta' Ninu Muscat Fenech dan il-prinċipju twettaq u issahhah. Sabiex il-qarrej ikollu iżjed

wisa' li jaqra u jedha fil-kitba letterarja Maltija, Ninu Muscat Fenech żied Appendiċi fil-ġurnal fejn bdew jidhru biċċa biċċa Grajjiet ta' Malta miktubin minnu, biċċa traduzzjoni minn rakkonti bit-Taljan u oħrajn oriġinali tiegħu.

Il-ħidma ta' Ninu Muscat Fenech ma kenitx waqfet f'dik li hi kitba ta' versi u rakkonti, iżda mxiet iżjed 'il quddiem u daħlet fil-qasam ta' propaganda għali-bini ta' sistema ta' kitba bil-Malti soda u sħiħa fost il-kittieba kollha tal-Malti, ħaġa li sa dak iż-żmien, għalkemm grammatiċi, kittieba u Ixirka kienu tħabtu biex iwaqqfu, qatt ma kien irnexxielhom. Huwa, għalhekk, wara sew sew sena minn mindu kellu f'idejh il-"Habbar", dlonk inqeda bil-ġurnal tiegħu, u ħareġ "Stedina" lill-kittieba biex issir laqgħa fosthom u jsir xi pjan li fuqu jinbena Alfabet Malti biex wara jkun użat mill-kittieba kollha. Għalkemm ix-xewqa ta' Ninu Muscat Fenech u ta' xi ftit minn sħabu sefgħet fix-xejn, huwa qatt ma qata' qalbu, u, malli sab li fost il-kittieba tal-Malti li kienu jiktbu fil-folju tiegħu kien hemm nies ta' ċertu grad ta' tagħlim li setgħu jgħinuh bil-ħidma tagħhom, wara xi erbatax-il sena, jiġifieri fl-1894 (14 ta' Marzu) huwa ħareġ "Stedina" oħra fejn għamel l-istess sejħa lill-kittieba tal-Malti. Wara din l-istedina, naqraw li saru xi laqgħat fost l-aħjar kittieba ta' dak iż-żmien, u ma' dawn intgħaqdu wkoll nies magħrufin bħala letterati f'ilsna oħra. Fil-waqt li kienu qegħdin isiru dawn il-laqgħat saru ħafna kummenti fuq il-moviment ġdid tal-Malti minn kittieba f'xi ġurnali oħra Maltin, fosthom fid-"Dawl" u fil-"Verità"—fost il-kittieba li ikkommentaw fuq dil-ħaġa, insemmu lil Preca u lil Dwardu Cachia. Fil-11 ta' April, 1894, ingħatat relazzjoni ta' l-Ewwel Laqgħa li fiha nħatar Kumitat ta' ħamsa biex jistudja s-sistema ta' kitba li fuqha l-kittieba tal-Malti għandhom jimxu. Il-Kumitat kien magħmul minn dawn innies: il-Prof. Napuljun Tagliaferro, President; is-Sur Tonin Muscat Fenech, Segretarju; is-Sur Manuel Caruana, is-Sur Muscat Azzopardi u s-Sur Achille Ferris. Għalkemm aħna ma nafux ix-xogħol li kien sar f'dan il-Kumitat, aħna għandna naħsbu li xi ħaġa kienet saret, jekk mhux il-wisq il-ftit sakemm is-Sur Muscat Fenech baqa' Direttur ta' "Il-Habbar", għaliex wara sena sew sew, meta huwa kellu jitlaq mid-direzzjoni tal-ġurnal biex jilħaq Viċi-Konslu ta' l-Awstrija-Ungerija, floku bħala Segretarju ta' dan il-Kumitat, kif jingħad, daħal Ġanni Vassallo. Dan il-Kumitat ma jidhirx li baqa' jiltaqa', u Ġanni Vassallo, li

kien imħeġġeġ għall-istudju tal-Malti, baqa' jaħdem fuq is-sistema tal-kitba Maltija u, wara xi ħames snin ħareġ il-ktieb tiegħu, *Il-Muftieħ tal-Chilba Maltija*, li fuqu bdew jinkitbu l-kotba ta' l-Iskola u l-kotba ta' l-aħjar kittieba tal-Malti.

Il-kotba tal-qari li kiteb is-Sur Nin Muscat Fenech huma xi tmienja, biċċa oriġinali u oħrajn maqlubin mit-Taljan; fost dawn ta' min isemmi, ir-romanzi, "Giomaria Cassia" u "Giorg il-Bdot", u fost l-oriġinali, "Carolina", "Giacomin Ciantar" u l-"Conti Aiagona". L-istil tiegħu kien popolari u mexxej ħafna. Barra mill-proża, kif semmejna, huwa kien ukoll jikteb versi, iktarx ħrejjef b'xi morali fl-aħħar. Dawn ukoll kienu jinqraw bil-qalb minn kull qarrej ta' "Il-Habbar" fejn kien jistampahom għall-ewwel darba.

Is-Sur Muscat Fenech kien ukoll kiteb xi drammi u farsi, li kien għadu ma stampax, meta huwa kien silifhom lil wieħed ħabib tiegħu fil-bidu tal-Gwerra l-Kbira ta' l-1914-18. Dawn kienu għarqu flimkien ma' dal-ħabib tiegħu li dak iż-żmien kien imbarkat fuq bastiment merkantili.

Is-Sur Nin Muscat Fenech kien iddekorat bit-titlu ta' Kavalier mill-Imperatur ta' l-Awstrja għall-ħila li wera fil-kariga tiegħu ta' Viċi-Konslu, iżda l-akbar ġieħ tiegħu kien ix-xogħol li kien ħadem għall-Malti li baqa' jgħożż sakemm għalaq għajnejh, u li fih kien isib l-hena u l-faraġ tiegħu. Miet fl-1910, wara li għax 56 sena.

## DIFFERIMENT TAL-GHOTI
## TAL-"PREMJU ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI"

Billi l-Fundatur tal-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi", li jingħata kull sena għal xi ħidma magħrufa dwar il-Malti, bi ħsiebu jbiddel id-data taċ-Ċerimonja tal-għoti tal-Premju, il-Kummissjoni inkarigata mill-għoti tal-Premju sa tagħti d-deċiżjoni tagħha iżjed 'il quddiem, meta fl-istess waqt tkun ukoll imħabbra d-data taċ-Ċerimonja.

## TINŻILX, JA XITA!

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Le, le tinżilx, ja xita!
Ħalli jgħidu l-bnedmin li int bla ħniena,
li int ukoll bla qalb!
Tinżilx f'dil-gżira tagħna:
ħallihom jgħidu li n-Natura kiefra
jekk ma tismax it-talb!
Għadda minn moħħ il-bniedem:
"Waslet ix-xitwa: jiem mis-sbieħ, bla xita,
art niexfa, kollha xemx.
Tassew, kollox inqaleb:
iġġennet in-Natura: għaddiet ix-xitwa
u qatra ilma m'hemmx!"
Ħallihom jgħidu! Imġienen
huma l-bnedmin; huma bla qalb, bla ħniena
meta ma jisimgħux
il-għajta tan-Natura,
joħonqu l-karba u l-ewwel nifs tal-Ħajja:
u b'dana ma jistħux!
Le, le tinżilx, ja xita!
jew inżel bla ma tieqaf, inżel, inżel
u kaxkar ma'l-widien
il-għira u l-mibegħda,
u qaċċat il-moħqrija ħa jissaffa
mill-ħażen il-ħolqien!

---

## FRIEFET

*Ta'* Wallace Gulia

Friefet, xi ġmiel!
Qed jiżfnu kullimkien
Ma'l-medda tal-widien.
Jitbewsu qegħdin
Fuq fomm ir-ranċisa ferħanin;
Qabel jisbħu tal-ġlata l-jiem xitwin,
U tagħqad il-kesħa f'ġisimhom,
Ġwenħajhom titmermer bl-uġigħ,
U tieqaf il-fawra tal-ħajja,
Tinbidel f'tal-mewt il-mistrieħ.

# SUNETTI TAL-GWERRA

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

**1939**

*Lill-mejtin tal-gwerra l-oħra*
*nhar l-Armistizju.*

I

Mill-ħemda ta' qabarkom, rwieħ qalbiena,
taħt art miksija bl-aħmar tal-peprin,
qed tisimgħuh id-daqq ta' dil-qanpiena
li tħabbar żieda ġdida ta' mejtin?

Il-ġlieda reġgħu bdewha dawk il-ħżiena
li qalbhom ma qatgħux wara das-snin...
Il-mafkar bidlu f'maqbar u, bla ħniena,
'l uliedkom jidfnu fuqkom ġa qegħdin!

Qumu minn hemm u l-għadab tagħkom uru!
Uru li mhux għalhekk xerridtu d-demm;
li jmisshom 'l ura lkoll kemm huma jduru;

li bikom il-mibegħda kellha ttemm;
u li b'għadamkom l-oqbra qed ifuru.
Qumu minn hemm, erwieħ, qumu minn hemm!

II

**1945**

U gerbbu s-snin li fihom dinja mġenna
b'ruħha u b'ġisimha tqatlet fid-dagħdigħa
tal-għatx tad-demm... U fdal il-bniedem tħenna
Kif lemaħ tislem minn tas-sliem is-siegħa!

U l-għajta "Rbaħna, rbaħna!" bidlet f'ġenna
l-infern ta' qlub in-nies. Għax it-taqtigħa
intemmet b'wiċċ il-ġid għal kull min stenna
li wara x-xitwa toħroġ ir-rebbiegħa!

Iżda mal-kotra ta' dal-ġnus ferħana
li s-sliema fost il-ħerba qed ifittxu
bit-tama li sa jilħqu xi Nirvana,

Għad hemm xi ħadd imħasseb li fuq wiċċu
tixhidlu l-mistoqsija bint l-irżana:
Satax ma sewa xejn das-sagrifiċċju?...

*(Moqrijin f'Akkademija tal-"Għaqda")*

# ĠAWHAR TA' ĦREJJEF

## IL-WERŻIEQ U N-NEMLA

*Ta'* R. M. B.

Il-werżieq kien għadda s-sajf kollu jpappiha u jitmiegħex u ħsieb ta' xejn. Daqqa jidħol ġo għalqa tat-tadam igerrem, daqqa jferkex qalb xi ħammiela ħabaq u jħarbtilha l-weraq u t-tberkil, issa jiekol it-tin... għax kien żmien il-ġid. Dan bin-nhar; u bil-lejl erħilu għal frisk fuq xi ħarruba jħokk ġwenħajh ma' xulxin u jżerżer iżerżer mingħajr hedu. "Imbierek dak il-għażż". kien igħanni; u jagħli għax jisbaħ. Meta xi tfal ifettlilhom jinbxuh jew jitħajru jaqbduh, jitmattar imattira u jeħmed: bħalkieku jrid igħidilhom:

"Narak ma taranix
mit-tqajba tal-għarix."

u jgħaddi ż-żmien bihom: kif jitilquh għax jaqtgħu qalbhom, jarġa' jħokk ġwenħajh u erħilu jżerżer iżerżer! u għaddej ħajja ta' papa!

Meta mbagħad daħlet ix-xitwa għamel bih il-bard, il-ksieħ u l-ġuħ u matmura mkien, għajr xi werqa ta' ħassa.

— Bil-ħass trid tonsobni n-nies... iżda jien rasi mhix għallmustaċċi biss!...

Għafsu l-ġuħ... qal: "X'nagħmel?..."

— Immur għand in-nemla... indabbar żewġ loqmiet......

In-nemla mara ta' darha, bieżla u għaqlija, dejjem tkarkar lejn id-dar u taħżen għax-xitwa, biex meta tfittex issib: rat ilwerżieq ma' wiċċha: "ħsibtu", qalet: u laqgħetu fil-bieb, biex ma ttihx wiċċ.

— Nemla — qallha l-werżieq.

— X'hemm... x'dil-miġja!

Il-werżieq għamel wiċċ il-ħniena u qallha:

— Jaħasra ma għandekx ftit ikel, imqar kemm ingħaddi jumejn, għax ma niflaħx inżomm bil-bard u bil-ġuħ. Tibża' xejn... jiena nroddulek dak li tagħtini.

Weġbitu n-nemla:

— Jaħasra mhux għax ma ntikx; imma aħna nilqtaqgħu gozz; m'aħniex ftit hawn ġo dal-gorboġ u kulħadd irid jiekol!... Mhux darba u tnejn, filli mgħammrin b'mitt ġid u filli nisfgħu b'idejna f'idejna; għax il-ħamla ssuqilna dak li nkunu ħżinna! Inti ma tafx x'igħidu n-nies fuqna n-nemel?... "Dak li tkun..."

— U, iva; dawn kewtieli — weġibha l-werżieq, qatgħelha kliemha.

— Għidli ħaġa : inti fis-sajf x'kont tagħmel?

— Indoqq u ngħanni.

— Mela iżfen issa, ħalli tisħon — qa!tlu. — Għax int fis-sajf iddoqq u żżammar u jien inġorr u ntammar — u tebqet qajl qajl il-bieb f'wiċċu u daħlet ġewwa.

*Min jittiekel għal bormet ġaru jibqa' bil-ġuħ.*

## T I F K I R I E T

### *Ta'* WALLACE GULIA

Tifkiriet ta' qlub maħqura
Ġewwa d-dalma ta' bil-lejl;
Tifkiriet t'għajnejn miksura,
Dmugħ l-imħabba kollu għalxejn.
Itilquni,
Winsuni,
Ġewwa d-dalma ta' bil-lejl.

Tifkiriet ta' qirda ġejja
Minn ġo l-iżraq tas-smewwiet.
U nirien, nirien f'għajnejja,
U taqtigħ fil-ħemda u skiet—
Tfakkrunix.
Tħallunix
Nerġa' nġarrab diq l-imwiet!

Ejja Inti tul l-iljieli
B'dawk għajnejk il-maħbubin :
Qisek warda minn tax-xtieli
B'dawl ix-xmejxa ïmbewsin :
Fis-sigħat
Tal-kruhat
Meta jaħkmu ta' l-imgħoddi l-jiem u s-snin!

# Coleridge u Malta

*Ta'* Ġużè' Galea

KULL min studja l-Ingliż jaf b'Samuel Taylor Coleridge, l-awtur ta' l-*Ancient Mariner*, dik il-ballata tal-għaġeb li ssaħħar it-tfal ta' l-iskejjel kollha. Coleridge jingħadd ma' l-aqwa poeti Ingliżi u jitqies ma' Wordsworth, Shelley u Keats li kienu tal-qatgħa tiegħu.

Dik il-ħabta li għax Coleridge kien hawn xejra ġdida fil-ħajja intellettwali u kulturali Ingliża: kienu għadhom kemm spiċċaw il-gwerer ta' Napuljun u l-Ingliżi, għajjenin mit-taħbit u t-tweġħir tal-gwerra, tawha għall-mistrieħ u għall-għaxqa ta' l-arti u tal-ġmiel. In-nies ħasset ġibda qawwija lejn il-ġmiel tal-ħolqien u bdiet titgħaxxaq bid-dehriet ta' muntanji, siġar u lagi msebbħin u msebbħin kif fasslithom u sawrithom in-natura.

Din il-għożża tal-ġmiel naturali tal-pajjiż nisslet tqanqila patrijottika u l-poeti, li fil-versi tagħhom dejjem jirriflettu s-sentimenti tal-poplu, infexxu f'għana ta' tifħir għall-ġmiel naturali ta' pajjiżhom. X'uħud ħallew l-ibliet u marru jgħixu qalb il-ħdura tar-raba'. Southey, Wordsworth, De Quincey, Hazlitt, Scott, Lamb u Coleridge inġibdu mis-seħer ta' ġmiel il-kampanja u kitbu poeżija tal-għaġeb fuq dak il-ġmiel li jgħaxxaq il-qalb u jserraħ il-moħħ. Fuq hekk tlaqqmu *Lake Poets*, poeti tal-lagi.

Wordsworth u Coleridge kienu l-aqwa fost il-poeti tal-lagi; l-ewwel wieħed ħelu u sieber, it-tieni ħawtiel u ħarkien; bejniethom tnisslet ħbiberija li żammet sħiħa u qawwija sakemm intemmu.

Coleridge twieled fil-21 ta' Ottubru, 1772 u f'għeluq is-seklu, għalkemm żagħżugħ, kien għamel isem u beda jissemma ma' l-aqwa poeti ta' żmienu. Fil-bidu tas-seklu dsatax kien kiteb *Ancient Mariner*, *Dark Ladie*, *Christabel*, *Osorio*, *Three Graves*, *Fears in Solitude*, *France*, *Kubla Khan*, u *Lyrical Ballads*. Dawn il-poeżiji mill-ewwel ingħażlu għalihom u dehru bħal ġawhar jiddu fil-Letteratura Ingliża u wkoll bħala xhieda ta' qawwet il-moħħ tal-poeta u tal-lehma saħħarija ta' dehnu. Għorrief u letterati faħħru l-poeta u stagħġbu bih; min żammu bħala poeta tal-għaġeb u min bħala artista mill-aqwa, iżda kollha qalu li Coleridge kien ġeniu kbir. Hazlitt kiteb: "Coleridge hu l-uniku bniedem li għandu kulma jeħtieġ biex jitqies bħala ġenju". De

Quincey qal: "Coleridge hu mogħni bl-akbar u l-aqwa intellett fost il-bnedmin".

Sa l-1800 Coleridge kien sejjer ġmielu jogħla dejjem fost il-qima u t-tifħir tan-nies, iżda mbagħad beda d-drawwa li jieħu l-għafjun, drawwa li 'l quddiem inbid'let f'leblieba qalila li rikbitu hekk li qatt ma seta' jeħles minnha u baqgħet biex ħassritu u qerditu.

Il-poeta kien ibati bir-rewmatiżmu u flok ma kellem tabib, biex itaffi l-uġigħ beda minn rajh jieħu l-oppju; din id-duwa għandha effett qawwi fuq is-sistema nervuż u għalhekk f'qasir żmien Coleridge sab ruħu bla saħħa, bla ħajr u bla mistrieħ.

Min jilħaq jieħu d-drawwa ta'-għafjun ma jeħlisx minnha malajr, hekk ġralu Coleridge. Għalkemm sata' jifhem li kien qiegħed jagħmel ħsieb lilu nnifsu u jgħarraq saħħtu, flok ma kellem tabib, il-poeta baqa' jieħu l-oppju u dik il-misħuta xaħxiħa kienet qiegħda tgħawwarlu saħħtu u ddallamlu moħħu. Ħbiebu ma damux ma rawh sejjer lura u jitlef kull ħeġġa: beda jnaqqas mill-kitba, jaħrab min-nies, jiddejjaq malajr, jitmasħan u jagħdab għal kull xejn.

Wordsworth, Southey, Lamb u ħbieb oħra ta' Coleridge imlew rashom u xtaqu jgħinuh u jfarrġuh, deħrilhom li l-mistrieħ u s-safar setgħu jkunulu ta' ġid, għalhekk ħajruh jitlaq mill-Ingilterra u jmur ibiddel l-arja x'imkien ieħor.

Dik il-ħabta kien hemm f'Malta Sir John Stoddart, Kap tal-Qorti, u dan stieden lil Coleridge biex imur iqatta' ftit taż-żmien f'dik il-Gżira. Il-poeta ma tantx wera ħajra biex jitlaq minn pajjiżu, imma ħbiebu ħajruh mhux ftit u fehmuh li l-arja u s-sħana tal-Mediterran, imseħbin mal-bidla fid-drawwiet ta' ħajtu, kellhom jiswewlu ta' ġid u jroddulu saħħtu.

F'dak iż-żmien Malta kienet għaddejja minn taqliba kbira: il-Maltin kienu għadhom kemm ħelsu mill-ħakma qasira tal-Franċiżi u għalkemm kienu mmexxijin minn Kap Ingliż, kienu għadhom ma humiex taħt l-Ingilterra għal kollox. Bosta minnhom kienu għadhom jiftakru tajjeb is-saltna tal-Kavalieri, hekk li meta Coleridge wasal fil-Gżira sab il-Maltin imġarrbin minn tliet saltniet, kull waħda minnhom kellha għeruq fil-poplu u kienet tirsisti biex tkattar setgħetha u tiġbed in-nies lejha; fuq hekk ma setax jonqos li ma jkunx hawn taħwid fil-Gvern u tweġħir u tiġbid fil-pulitka.

Barra fil-ħajja politika, kien qiegħed jitnissel ukoll tibdil fil-ħajja soċjali. In-nies kienu bdew jifthu għajnejhom għad-drittijiet tagħhom bħala ċittadini, bdew jintebħu bil-ħtieġa u s-siwi ta' kull wieħed fit-tiswir tax-xirka u bdew jixxenqu għal jeddijiethom fil-ħakma tal-pajjiż.

Dawn it-tqanqiliet u l-fehmiet ta' ħelsien qamu fl-Ewropa mar-rivoluzzjoni Franċiża u laħqu Malta mal-partitarji Franċiżi, iżda wara li Napuljun ħa l-Gżira, l-idejiet ġodda kotru u mbagħad meta daħlu l-Ingliżi l-ħajja f'Malta kellha tinbidel u tieħu xejra skond kif kien jiġri f'pajjiżi oħra ta' l-Ewropa.

Il-poplu beda jrid jieħu sehem fit-treġija ta' pajjiżu; fuq hekk inħasset il-ħtieġa li jitqallbu d-Dipartimenti tal-Gvern, li jinħolqu impiegi ġodda u, fuq kollox, li jorqmu l-liġijiet ħalli jqabbluhom max-xejriet ġodda tal-ħajja. Għalhekk Sir John Stoddart kien qiegħed jitħabat biex mill-Kodiċi ta' De Rohan u mill-prammatki tal-Gran Mastri l-oħra, ifassal ġabra ta' liġijiet li jgħoddu għaż-żmenijiet ġodda. Stoddart kien wieħed mill-aħjar Kapijiet tal-Ġustizzja li qatt kellha Malta, kien bniedem ta' enerġija kbira, raġel bil-għaqal tal-Qorti u Mħallef għaref. Ball kien stiednu biex jiġi Malta u kemm dam hawn ta' xejra ġdida lill-Qorti u fuq kollox irsista mhux ftit bex idaħħal il-Ġuri fil-proċedura kriminali ta' Malta. Stoddart kellu ġibda għal-letteratura u naħseb li minħabba f'hekk stieden lil Coleridge biex jiġi jistrieħ f'Malta.

Bosta awturi semmew fuq il-miġja ta' Coleridge f'Malta, iżda sa fejn naf jien, ħadd ma kiteb tajjeb u fit-tul u bir-reqqa daqs l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici u Dr. Albert Laferla. Kull wieħed minn dawn iż-żewġ kittieba Maltin ħallielna ħafna tagħrif sabiħ dwar il-qagħda ta' Coleridge f'Malta u li kieku ma kienx għax iltqajt ma' xi ħaġa ġdida, ma kontx narġa' nsemmi fuq dak li huma qalu tant tajjeb. Dan l-aħħar kont qiegħed inqalleb fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Edinburgu u ltqajt ma' ktieb fuq il-ħajja ta' Coleridge. Dan il-ktieb, (1) għalkemm ta' awtur magħruf ħafna, qajla jafu bih u l-lum ħadd ma jsemmih, iżda fuqu sibt xi aħbarijiet fuq iż-żjara ta' Coleridge f'Malta li ma kont qrajthom imkien qabel u bil'i jagħtuna d-dawl fuq il-ħajja fil-Gżira f'dak iż-żmien deherli li ninqeda bhom biex nikteb dawn il-kelmtejn.

(1) *"Life of Samuel Taylor Coleridge"* by Hall Caine, London 1887.

Qabel ma halla l-Ingilterra Coleridge iltaqa' f'Londra ma' ħabibu l-kittieb Charles Lamb u għaddew xi jumejn jieklu u jixorbu flimkien, imbagħad Coleridge telaq għal Malta fejn wasal fit-18 ta' April, 1804.

Ftit wara li wasal Malta Coleridge ħassu jieħu r-ruħ, iżda kien għadu ma ħeilisx mid-duda ta' l-oppju li kienet qiegħda therrilu saħħtu u fit-22 ta' April qabdu l-ewwel attakk f'Malta: kif kien qiegħed jaqra qabduh dwejjaq kbar, ħass in-nifs jinqatagħlu, ġieh dardir fl-istonku u telqa f'gismu kollu. Kif soltu, biex jeħles minn dak l-attakk, Coleridge taħa għall-oppju: kien qisu jkeskes kelb li ried jigdmu.

Imma kollox fuq kollox Malta donnha wetitu għax kif jistqarr il-poeta, kien iħossu jistaħja bis-safa ta' l-arja u bil-kħula tas-sema, iżda mbagħad daħal is-sajf u s-sħana għamlet bih; ixxemx xorbitu, beda jilheġ għal kull xejn u bil-lejl ma kienx jista' jorqod. Biex itaffi raġa' beda jieħu l-oppju u hekk żied igħarraq saħħtu u baqa' immantar u mqalleb, qalbu sewda u bla sabar, kien jiddejjaq minn kull xejn u jara kollox ħażin. Dan, naħseb, li kien il-ħtija li Coleridge ma ħassx ġibda lejn Malta u l-Maltin.

Meta wasal Malta Coleridge ma kellu ħsieb jagħmel xejn, iżda wara ftit il-Gvernatur Ball, aktarx imħajjar minn Stoddart, offrielu l-post ta' Segretarju tal-Gvern. Ball, kif għedna, kien qiegħed iqalleb l-amministrazzjoni u jagħtiha xejra ġdida, għalhekk ħtieġlu bniedem li jinqala' sewwa bl-Ingliż u jikteb tajjeb. Min sata' jaqdih aħjar minn Coleridge, bniedem ta' dehen u magħruf bħala kittieb tajjeb.

Coleridge intafa' għad-dmirijiet ġodda tiegħu bil-ħrara ta' qalbu kollha u milli jidher ħareġ ta' raġel. Għalkemm qatt ma ma mexa 'l quddiem fil-ħafna negozijiet li kien qabad matul ħajtu, il-poeta kellu ħabta li ma bħalha għall-korrispondenza diplomatika u d-dispaċċi tiegħu lill-Uffiċċju Kolonjali malajr ingħażlu għall-għaqal, għall-ħeffa u għall-istil li bihom kienu miġbudin.

Haġa waħda kienet iddejjaq lil Coleridge fl-uffiċċju tiegħu: dik li kien jeħtieġlu jidher u jieħu sehem f'ħafna ċerimonji uffiċjali. Nies oħra kellhom mnejn jiddandnu u jintefħu bil-posizzjoni tiegħu, iżda hu kien jobgħod juri ruħu u talab lil Ball biex ma jeħux sehem f'dak il-ħafna xejxi u wiri ta' kburija.

Aktarx li l-marda li Coleridge kellu fuqu ġagħlitu jsir bla sabar u mqit man-nies għax kemm dam Malta ma tantx għamel ħbieb. Ftit qablu kien wasal fil-Gżira vjaġġatur Ingliż, Sir Francis Head, li faħħar wisq lill-Maltin għal ġibda li jħossu lejn il-mużika. Coleridge ma qabelx miegħu u ħadha kontra tiegħu. "X'ried ifisser Head meta qal li l-Maltin iħobbu l-mużika?" kiteb Coleridge. "Kemm domt f'Malta qatt ma smajt armonija; it-tinwiħ tal-qtates jinstama' agħar minn bnadijiet oħra, it-tfal idumu s-sigħat iwerżqu u jgħajru lil xulxin, l-inbiħ tal-klieb itar-rax...".

Madankollu, il-poeta qatt ma ġarrab imħabba għall-Maltin, hu jgħid li malli Malta waqgħet f'idejn l-Ingliżi, kulħadd beda jgħassed u jħawwad kif jaqbillu biex idabbar xi ħaġa mill-Gvern. Hu jsemmi wkoll fuq wieħed Markiż Malti li talab biex jidħol kamrier mal-Gvernatur. Ball staqsieh għaliex ried jidħol kamrier u l-Markiż wieġeb: "Biex ikolli l-unur inressaqlek aktar malajr petizzjonijiet għal xi favur!" "Il-kamrier tiegħi nżommu biex ifarfarli l-ħwejjeġ u jgħini nilbes. Hażin għalih jekk jindaħalli fl-affarijiet tal-Gvern għax ingerbu t-taraġ!" qallu Ball bis-saħna.

Milli rajna, għalkemm fl-uffiċċju kien jaqdi dmiru tajjeb, is-Segretarju Coleridge ma kien jinqala' xejn biex jagħmilha man-nies; ħass ruħu mwarrab u maqtugħ għalih. Fuq hekk deherlu li ma satax ikompli f'dik il-ħajja u f'Settembru tal-1805 telaq minn Segretarju tal-Gvern u ħalla 'l Malta.

Wara li telaq minn Malta Coleridge għadda minn Sqallija u tala' Ruma għax il-Gvern Ingliż kien tah xi inkarigi għal quddiem ir-Re ta' Napli u l-Papa.

Coleridge dam Malta mas-sena u nofs, ma' tul dak iż-żmien qatt ma kien f'saħħtu sewwa, kien mikdud, imdejjaq u maħkum mill-misħuta leblieba għall-oppju. Tassew li kieku baqa' l-Ingilterra kien ikun wisq agħar, imma kemm dam f'Malta Coleridge qatt ma ħass ruħu qawwi u sħiħ għal kollox, għalkemm qalbu ma setgħetx tgawdi l-ġmiel tan-natura u l-hena tal-ħbiberija; is-swied ta' qalb li kellu dallamlu d-dehriet ta' hena u ġmiel li Malta dejjem uriet lil dawk li ġew iżuruha.

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

# Niccolo' Isouard

*Ta'* C. M. De Caro

IN-NAZZJONIJIET ċivili, tista' tgħid kollha, ilhabirku kemm jifilhu biex ixerrdu u jkabbru l-fama u x-xogħol ta' dawk li fosthom ikunu kisbu isem sabiħ f'xi arti jew f'xi xjenza, jew li jkunu qabżu għal art twelidhom, u tarahom iwaqqfulhom statwi f'xi wesgħa ċentrali ta' l-ibliet, isemmu toroq għalihom, iqiegħdu xi lapida għall-warianin fil-post fejn twieldu jew inkella fejn mietu...... u aħna l-Maltin?

Għall-pajżani msemmija tagħna — inħossni nistħi ngħid — ħadd ma ħaseb iwaqqaf xi statwa tassew, għaliex dawk li hemm il-Mall tal-Furjana ma humiex veri statwi, iżda busti: u dan mhux għajb għalina? U tgħid persunaġġi famużi aħna ewwilla ma għandniex? Kieku kelli nġib isimhom, wieħed wieħed, niġbed fit-tul mhux ftit.

Kieku aħna kellna ftit tal-ħeġġa konna aħna nħallu lil *Niccolò Isouard* sal-lum mingħajr statwa, fil-qalba tal-Belt, f'xi ġnien pubbliku jew f'xi post ieħor xieraq?

Niccolò Isouard—aktar magħruf bħala "Niccolò de Malte"—huwa l-aqwa mużiċista ta' pajjiżna, li twieled fl-1775 u temm ħajtu f'Pariġi fl-1818 u sa żmien ilu qrabatu kienu għadhom ħajjin fostna. Meta kien għadu żagħżugħ, Isouard kien telaq minn Malta u mar joqgħod għas-sebħ f'Pariġi—ċentru kulturali taddinja—u dan wara li kien kiteb f'Malta ħafna mużika għall-knejjes. Huwa kien ukoll pjanist ta' sengħa kbira. F'dik il-Belt kapitali huwa fis tħabbeb ma' l-akbar mużiċisti, fosthom ma' Boildieu—li iżda wara sar rival tiegħu. Hemm dlonk ħa fama tassew sabiħa.

Fl-1810 semma' l-ewwel darba l-aqwa opra tiegħu, jisimha "Cendrillon" li kellha suċċess hekk kbir li wara saret, tista' tgħid, fl-ibliet kapitali kollha ta' l-Ewropa: f'Londra dehret fit-Teatru "Lyceum" fis-sena 1876 u baqgħet issir fi Franza sa dawn l-aħħar żminijiet. Fl-1814 kiteb żewġ opri oħra: "Joconde" u "Colin et Jeannot" li ngħoġbu mhux ftit għall-ġmiel tagħhom, u dan barra minn xi opri oħra. Billi l-libretti ta' l-opri tiegħu kienu sbieħ u mill-aħjar, swewlu wisq għas-suċċess li għamel.

Isouard hu magħdud bħala l-ewwel wieħed li daħħal ġo Franza l-ħlewwa tal-melodija Taljana u għalhekk ismu huwa

storiku, sew kif kiteb Badger fil-"Guide of Malta". Il-Franċiżi, li jafu jistmaw biżżejjed il-ġenju ta' nies bħal dawn, qiegħdu l-busti tiegħu fit-Teatru ta' l-"Opera" u żejnu b'ismu waħda mit-toroq ewlenin ta' Pariġi... iżda Malta nsiet lil binha li għamlilha tant ġieh: il-għaliex barra banda mużikali li żżejnet b'ismu u triq tas-Sliema msemmija għalih xejn ma għandna li jfakkarna fih.

Isouard kiteb bosta opri oħra li saru b'suċċess kbir u biċċa minnhom sa żmien ilu kienu għadhom isiru, kif qalli min ħa sehem fihom huwa stess. Il-mużika tiegħu, kif igħidulna awturi tal-mużika kompetenti, hija drammatika, magħżula u mirquma.

Għalkemm qallibt u fittixt ma rnexxilix insib li xi impressarju pajżan tagħna qatt haseb biex isemmagħna xi wieħed mix-xogħlijiet tiegħu; jekk huwa hekk (għax bilkemm nista' nemmen), mhux tassew għajb għalina?!

---

## UGANDA

*Ta'* S. GATT

Kulfejn tinrah il-għajn iħaddru s-siġar
 bħal kwiekeb fis-smewwiet f'dil-art mifruxa.
Kulfejn il-pass jimtedd il-għana jidwi
 t'agħsafar ta' kull daqs b'elf lewn minquxa...
Ftit bogħod minn xuixin firħula ċkejkna,
 mgħammra bi djar ta' sura kerha u fqira
li fihom jgħixu nies nofshom għarwiena
 li jafu ftit jew xejn mid-dinja kbira...
U tibki l-art dirgħajn li jtulu l-ħajja,
 u tisħet dell il-mewt li jaħkem fuqha;
Tixtieq il-ħalib tagħti ta' sidirha
 biex taqdi d-dmir għalih mn'Alla maħluqa...
Jgħix min jitwieled hemm il-ħajja mċaħħda
 minn dak li l-ħajja titlob bħala ħajja;
Jitwieled, jgħix u jmut... bla ebda tama
 li darba jibdel minn ta' ħajtu l-grajja.
Iżda għalkemm magħluq ġo fih innifsu,
 u f'qalbu ma tixgħelx tal-hena xrara,
Hu jinsa lilu nnifsu... għal ftit... u jiżfen
 iż-żifna tat-tanbur u tas-suffara!...

# Ċerimonja ta' Tifkira lil Ġanni Vassallo f'Għawdex

B'INIZJATIVA tas-Sur Ġorġ Pisani, il-Poeta Għawdxi, il-lum Surmast tal-Malti u "Assistant Public Relations Officer", fit-18 ta' April li għadda, il-Ħadd fil-għodu, f'Għawdex saret ċerimonja ta' Tifkira lil ĠANNI VASSALLO, wieħed milliaqwa bennejja tal-Malti. Bħala bniedem li għax l-aħħar tletin sena ta' ħajtu f'Għawdex, li kien għalih it-tieni pajjiż ta' tweliedu, il-Kumitat ta' din iċ-ċerimonja ħaseb biex iwaħħal irħama b'iskrizzjoni fid-Dar fejn dan il-bniedem, Bennej tal-Lsien Malti, għax l-aħħar snin ta' ħajtu u miet.

Wara li nkixfet l-irħama kommemorativa, bi stedina tal-Kumitat saret laqgħa bejn il-ħbieb tal-Lsien Malti fil-Banka tar-Rabat, u mill-Uffiċċju ta' l-"Assistant Public Relations Officer" tkellmu minn fuq ir-"Rediffusion", il-Prof. Aquilina, is-Sur Cremona, l-Aġent Direttur ta' "Il-Malti", bħala ħabib tal-qalb ta' Ġanni Vassallo, u fl-aħħarnett Patri Akkursju Xerri, l-Editur tal-ġurnal "Għawdex".

Fetaħ iċ-ċerimonja l-Professur Ġużè Aquilina li bi kliem qawwi u sabiħ tkellem fuq l-importanza tal-kitba u tal-koltivazzjoni letterarja ta' lsien art twelidna u dwar il-ħidma ta' Ġanni Vassallo li bis-saħħa tagħha din l-importanza twettqet fix-xogħol li sar mill-Għaqda u mill-kittieba li mxew wara Ġanni Vassallo, li kien fetaħ it-triq għall-bini tas-sistema tal-kitba tal-Għaqda.

It-taħdita tas-Sur Cremona kienet mimlija u mżewqa b'tagħrif bijografiku fuq Ġanni Vassallo bħala studjuż tal-kitba Maltija u bennej ta' l-ortografija li fuqha ssawret dik li għandna l-lum; semma l-merti grammatikali, letterarji u morali, fosthom l-imħabba kbira li kellu Vassallo għall-Gżira ta' Għawdex u għall-Għawdxin li kien igħożżhom bħal ħutu u l-irġulija u onestà tiegħu, kwalitajiet li kienu l-karatteristika ta' ħajtu fil-ħajja privata, letterarja u uffiċjali tiegħu. Is-Sur Nin Cremona li kien jafu sa mill-1904, u l-iktar, meta beda jitgħallem il-Malti, ma naqasx li jfisser bl-isbaħ kliem kemm dan il-bniedem sewa lilu ta' ġid u x'għajnuna kellu minnu meta flimkien miegħu kellu jaħdem is-sistema ta' l-ortografija tal-Għaqda li wara saret l-ortografija uffiċjali tal-lum.

Fl-aħħarnett għalaq iċ-ċerimonja Patri Akkursju Xerri, b'taħdita li fiha bi ħsibijiet l-iktar għolja u sbieħ tkellem dwar l-Ilsien Malti u l-bennejja tiegħu, u fost dawn qabbeż il-figura għażiża ta' Ġanni Vassallo.

Ippresieda din il-laqgħa l-Kummissarju ta' Għawdex, is-Sur Edgar Montanaro, li barra mill-kariga għolja li għandu bħala Kap tal-Gvern Ċivili f'Għawdex, huwa bniedem letterat u studjuż ta' l-istorja patrja.

Bejn id-diskorsi nsemgħu minn fuq ir-''Rediffusion'' bċejjeċ ta' mużika klassika.

Il-Kumitat ta' l-organizzazzjoni ta' din iċ-ċerimonja nazzjonali, inqeda b'din l-okkażżjoni billi offra ''Sherry Party'' lil Ninu Cremona, il-ħabib ta' Ġanni Vassallo, bħala ferħ talli s-sena li għaddiet kiseb il-''Premju Muscat Azzopardi'' għall-ħidma tiegħu letterarja fil-qasam tal-Malti.

Waqt il-''Party'' tkellem il-Prokuratur Legali, is-Sur Ġ. Cefai, M.L.A., li bħala wieħed li għax mas-Sur Vassallo u ġie mrobbi minnu, radd ħajr lis-Sur Pisani u lill-ħbieb l-oħra għall-ħsieb sabiħ tagħhom li jfakkru b'mod hekk xieraq bniedem li l-istudju tal-Ilsien Malti kien l-akbar hena ta' ħajtu. Tkellem ukoll l-Avukat Anton Calleja, B.A., LL.D., M.L.A., fuq il-merti letterarji tal-kompajżan tagħhom, aliiev ta' Vassallo, u fl-aħħar Mons. Kan. Don Ġużepp Farrugia, Bibljotekarju f'Għawdex, għalaq din il-laqgħa billi f'erba kelmiet sbieħ u flokhom fisser kemm kienet tassew ħaġa xierqa li mat-tifkira ta' Vassallo jifirħu bil-mistieden, ħabibhom Cremona, li ħadem ma' Vassallo għall-progress tal-Ilsien Malti u minn għand dana, mat-tagħlim tal-Ilsien Malti, wiret ukoll il-mertu ta' xogħol li nbeda minn Vassallo u tkompla minnu bil-għajnuna ta' sħabu tal-Għaqda.

Bis-saħħa ta' dil-laqgħa, biex ingħid hekk, storika, ittieħdet riżoluzzjoni fost dawk il-ħbieb tal-Malti, nies li jirrappreżentaw il-fjur tal-kultura Għawdxija, li għandha titwaqqaf fil Belt Vittorja, Xirka tal-Lsien Malti u dak il-ħin stess inħatru l-membri tal-Kumitat ta' dik ix-Xirka.

Nittamaw li din ix-Xirka ma tmutx fin-nieqa bħalma ġralhom xi ixirka oħra. Il-figura ta' Vassallo u ta' xi ftit minn sħabu għandha sservina bħala eżempju fit-twettiq ta' ħsieb u fehmiet sbieħ bħal dawn.

# It-Tielet Konkors Teatrali

## ORGANIZZAT

## MILL-"GHAQDA BAJDA-U-HAMRA"

*Din is-sena bħas-snin ta' qabel, sar il-Konkors Teatrali; din id-darba mqassam fi tnejn, wieħed konkors, hekk imsejjaħ letterarju, jiġifieri ta' produzzjonijiet teatrali oriġinali u t-tieni rappreżentativ, jiġifieri tar-rappreżentazzjoni ta' l-ewwel disa' produzzjonijiet li jintgħażlu għall-mertu artistiku tagħhom, fost dawk li ikkonkorrew. Għalhekk din id-darba l-konkors kien wisq iżjed iebes minn ta' qabel, meta tqis ukoll illi l-produzzjoni trid tkun kummiedja soċjali b'att wieħed. Kif il-qarreija tagħna jafu, il-Konkors sar u l-konkorrenti, barra minn erbgħa li twarrbu mill-Kumitat għax ma qagħdux għal xi kondizzjonijiet konvenzjonali, kienu għoxrin. Mid-disgħa kummiedji li ntgħażlu dehret ir-rappreżentazzjoni ta' tmienja, fil-waqt li biex jingħaqad in-numru ta' disgħa dehret ir-rappreżentazzjoni ta' waħda minn dawk li ma daħlux fil-kategorija tal-kummiedji soċjali: buzzett satiriku varjat bi kwadri tipiċi ta'* silhouettes *mill-ħajja moderna. Ir-rappreżentazzjonijiet saru fit-8, fil-15 u fit-22 ta' Mejju fit-Teatru Orpheum.*

*Bla ma nindaħlu fil-merti artistiċi ta' awturi u kumpanniji teatrali, ngħidu biss illi l-Konkors, sew għal dawk li huma produzzjonijiet oriġinali, kemm għal dik li hi rappreżentazzjoni, meta tqis in-natura ġdida tal-konkors u l-iżvilupp hekk bikri fl-intelleti artistiku ta'* l-amateurs *tagħna f'ambjent hekk ċkejken tal-ħajja soċjali, bħalma osservat bi kriterju meqjus u mwieżen il-Ġurija, jidher li l-Konkors irnexxa f'ħafna punti u 'l quddiem, aktar ma l-mentalità tal-kittieba u l-komiċità ta' l-atturi jitħarrġu fl-arti drammatika, aktar għad naqraw u naraw produzzjonijiet maħdumin skond ma tiħtieġ l-iskola moderna tal-palk.*

*Billi din is-sena l-istampa li lilha nbagħat ir-rapport ma setgħetx tkun hekk ġeneruża, ukoll fl-interess ta' l-arti drammatika nazzjonali, biex taħli, bħas-soltu xi ftit kolonni għall-pubblikazzjoni tar-rapport, mitlubin mis-Segretarju tal-"Għaqda Bajda-u-Ħamra", aħna li dejjem lesti fl-interess tal-progress tal-letteratura drammatika Maltija biex niftħu l-kolonni tagħna għall-propaganda u inkoraġġiment ta' l-arti tal-Palk Malti, bħalma għamilna fl-ewwel sena tal-Konkors Teatrali meta ħriġna Numru speċjali dedikat lit-Teatru Malti u ippubblikajna r-rapport tal-Ġurija ta' dik id-darba, hekk ukoll nagħmlu did-darba bil-qalb kollha, u b'hekk naqtgħu x-xewqat ta' dawk in-nies li ilhom jistennew biex jaqraw dan ir-rapport, l-aktar dawk li kellhom sehem fil-Konkors.*

## I—RAPPORT FUQ IX-XOGHOL TAL-PRODUZZJONIJIET

### Il-Konkors Teatrali ta' din is-Sena

Din is-sena l-Konkors teatrali jħaddan żewġ ħwejjeġ, li huma: komposizzjoni drammatika u rappreżentazzjoni tal-produzzjonijiet ippremjati. Fuq hekk ix-xogħol tal-Ġurija twassa' mhux ftit fl-isfera ta' l-eżami tagħha u l-kriterju tagħha kellu jibbaża ruħu fuq ħafna punti tekni-

ċi msenslin ma' l-arti letterarja ta' l-awtur u ma' l-arti komika ta' l-attur. kriterju li barra li jitlob sens artistiku-letterarju u l-esperjenza xenika, jiħtieġ ċertu sens ta' proporzjon biex wieħed jiżen skond il-ħaqq, sew il-mertu tal-pinna, sa fejn l-arti drammatika Maltija tista' tasal birrigorsi li għandha, u r-reċtar ta' l-attur Malti fi produzzjonijiet Maltin, fejn xi mindaqqiet huwa l-attur li jrid iħaddem u jagħti ħajja lix-xogħol ta' l-awtur u jpatti bl-arti komika tiegħu għall-faqar tas-suġġett jew għall-ebusija ta' l-espressjoni fid-djalogu, u għal xi nuqqas ta' mumenti drammatiċi.

Ħaġ'oħra li tagħżel dan il-Konkors minn dak tat-tnejn l-oħra ta' qabel u iċċekken il-libertà tal-kittieb fil-għażla tal-ġens tax-xogħol drammatiku hija l-kondizzjon illi l-komposizzjoni tiegħu, barra milli trid tikkonsisti f'att wieħed, trid tkun *kummiedja soċjali*, kondizzjoni li xi kittieba wrew li ma għarfux jiżnu sewwa t-tifsira tagħha. Il-kummiedja soċjali fil-waqt li hu xogħol fin u mexxej fil-letteratura drammatika tal-lum, turi fil-kittieb ħila speċjali ta' dak l-artista tal-palk li bil-pinna tiegħu jaf jagħtina kwadru ħaj ta' biċċa mill-ħajja soċjali tal-lum fuq disinn, ilwien u sfumaturi ta' pittura moderna, illi forsi, għal xi wħud il-ħajja soċjali tagħna ma tistax toffri ambjent u mezzi biżżejjed biex turiha u tħaddimha fuq palk f'buzzett ta' nofs siegħa. U għalhekk il-konkorrenti kellhom fuq daqshekk, għall-ewwel darba ta' konkors bħal dan, biċċa għadma iebsa.

## Eżami Ġenerali tal-Konkors tal-Komposizzjoni Teatrali

Ngħaddu l-ewwelnett għall-eżami tax-xogħol tal-produzzjonijiet:

Il-Ġurija, wara li qrat u eżaminat bir-reqqa kollha l-għoxrin produzzjoni li ressqilha għall-eżami s-Segretariu tal-"Għaqda Bajda-u-Ħamra", waslet qabel xejn biex tagħti dawn il-fehmiet ġenerali tagħha:

1. Qabel xejn il-Ġurija tixtieq tfisser il-pjaċir tagħha dis-sena wkoll illi, kif kienet sabet il-Ġurija tas-sena l-oħra f'xi produzzjonijiet oriġinali Maltin li kienu nħadmu fuq il-palk, ix-xogħlijiet drammatiċi, li din iddarba, kif diġà fissirna, kellhom ikunu kummiedji soċjali, juru illi l-kittieba għarfu joħorġu mill-isfera tal-konvenzjonaliżmu ta' l-arti drammatika qadima, sew għal dik li hi nisġa tas-suġġett kemm għal dak li hu stil.

2. Illi l-konkorrenti, fil-biċċa l-kbira, kitbu bi proża mexxejja, ħafifa u naturali, u, li fejn xi wħud minnhom ma kellhomx ir-reqqa ta' kitba letterarja fis-sens grammatikali u sintattiku, pattew bl-arti xenika li turi fihom esperjenza tal-palk, u bil-maqlub oħrajn urew għerf ta' kitba letterarja, iżda taħriġ dgħajjef ta' arti drammatika. Ftit huma, minn wieħed sa tnejn, li għaqqdu ż-żewġ kwalitajiet ta' kittieba tajba tal-palk. Tisgħobbina ngħidu li f'xi wħud it-terminoloġija tal-palk kienet 'l hawn u 'l hinn imxekkla b'xi espressjoni purista, fil-waqt li mill-banda l-oħra f'xi oħrajn kienet imgħobbija bi fraseoloġija Taljana bla bżonn.

3. Illi, għalkemm is-suġġetti kienu episodji ta' ħajja soċjali, biċċa minnhom bi kwadri u sentimentalismi realistiċi, l-egħluq tal-kummiedji kien jiġbor fih korollarju filosofiku morali, u, fuq hekk, neħħi xi eċċezzjoni ċkejkna, il-moralità tal-palk kienet imħarsa.

## Produzzjonijiet li ħarġu mill-kategoriji tal-Kummiedji Soċjali

Minn għoxrin produzzjoni li eżaminat il-Ġurija, sitta minnhom ma jistgħux jissejħu *kummiedji soċjali*, u, għalhekk, għad li fosthom hemm xi wħud li huma miktubin bi stil naturali u mexxej ħafna u fihom effett xeniku tajjeb, ma setgħux jitqiesu bħala produzzjonijiet għall-eżami tal-konkors bla ma jitwaddbu fi svantaġġ lil dawk l-oħra li żammew ruħhom għall-kondizzjonijiet tal-Konkors imniedi mill-Kumitat tal-"Għaqda Bajda-u-Ħamra".

Wieħed jittama li dawn il-produzzjonijiet, għall-preġju artistiku tagħhom, narawhom stampati u xi darba rappreżentati wkoll fuq il-palk.

Is-sitt produzzjonijiet li ma daħlux fil-kategoriji tal-kummiedji soċjali huma dawn:

a) *Il-Mara Tagħha* (Emma). — Barra mill-astrusità ta' l-isem, il-"plot" ta' dan il-buzzett mhux mibni fuq episodju ta' ħajja soċjali; mhux ħlief kwadru b'fond ta' xeni familjari, bejn il-mara, ir-raġel u s-seftura, iktarx brillanti mill-bidu sa l-aħħar.

b) *Qabel u Issa* (Planet). — Żewġ kwadri tipiċi fuq id-drawwiet familjari fl-għerusija ta' xbejbiet ta' dari u tal-lum—buzzett b'żewġ atti qosra, bla ebda "plot", ibbażat fuq kritika lis-soċjetà moderna fid-drawwiet tal-lum.

ċ) *Pape Satan, Aleppe* (Belżebù). — Parodija komiko-satirika.

d) *Ix-X(ħ)iħ* (Ishmael). — Skizz b'suġġett komiku-brillanti, li għandu mill-*farcical comedies* fl-Ingliż. Għalkemm id-djalogi u frażijiet huma naturali u l-egħluq huwa tajjeb, is-suġġett joħroġ mill-kategorija tal-kumiedja soċjali u mhux oriġinali għal kollox.

e) *Barra mis-Sinna timla dinja* (Qawmien). — Kummiedja brillanti li xxaqleb ħafna lejn il-farsa komuni; u

f) *Għand il-Ħajjat* (Karolina). — Mera ċkejken ta' xi episodji tipiċi tal-ħajja sportiva, hobbies u moda tal-lum, bla ebda rabta bejniethom. Argument umoristiku-satiriku, b'għeluq li jistona max-xeħta tal-kwadri ta' qabel.

## Produzzjonijiet li twarrbu għan-nuqqas tagħhom ta' arti drammatika

a) *Il-Logħob* (Gorki). — Suġġett ta' ebda effett, bi proża ħażina. Nieqes mit-teknika.

b) *Kriżi* (Siguard). — Suġġett iktarx sfiq u trivjali, bi *climax* nieqes mit-teknika. Id-djalogu, f'xi bnadi, naturali u ħaj. Fl-argument jaħkem dak il-verismu modern li fl-arti drammatika qatt ma sata' jsib il-ġustifikazzjoni tiegħu.

ċ) *Ir-Raġel li kienet tħobb* (Plautus). — Suġġett makabru, mibni fuq episodju immaġinarju, iżda mnebbaħ minn inċident ta' spjunaġġ ta' żmien il-gwerra taħt l-irdumijiet ta' Malta. Il-psikoloġija tal-protagonista tal-kummiedja hija nieqsa mit-teknika u mill-verosimiljanza, fil-waqt li t-terminoloġija 'l hawn u 'l hinn hija mkasbra b'xi frażijiet letterarjament volgari, ukoll f'ħalq nies tar-raba'.

d) *Is-Sigriet* (Pierre). — Suġġett mibni fuq ekwivoku ta' mħabba u għira. In-nisġa tal-"plot" difettuża f'xi episodji. Proża b'kostruzzjoni ħażina u mġebbda. Djalogu, għalkemm naturali f'xi bnadi, nieqes mit-teknika letterarja.

e) *Wieħed minn dawk* (Bniedem Qwalunque). — Suġġett antikwat, id-djalogu huwa f'xi bnadi naturali, il-fraseoloġija hija wisq Taljana. Psikoloġija difettuża: affettazzjoni ta' mħabba u ta' emozzjonijiet, li huma l-karatteristika ta' l-istil ta' l-awtur. Dan hu xejn iżjed ħlief l-istil ta' produzzjonijiet li nixtiequ nwarrbu minn fuq il-Palk Malti tal-lum.

## Il-għażla ta' l-aħjar disgħa fost il-produzzjonijiet li ikkonkorrew

Il-Ġurija fl-aħħarnett fettxet li tara x'valur għandhom id-disa' produzzjonijiet l-oħra, għal dik li hi oriġinalità fis-suġġett, naturalezza fid-djalogu, nisġa fil-"plot", proża, karatteri ta' persunaġġi, saħħa u teknika tal-palk, u waslet fid-deċiżżjoni tagħha fuq dak li qrat fil-manuskritti oriġinali u mhux fuq dak li rat fir-rappreżentazzjoni tagħhom fuq il-palk fejn xi difetti setgħu jissewwew jew jinqatgħu.

Fost dawn id-disa' produzzjonijiet hemm it-tajbin fis-sens artistiku, iżda dawn, jaħtieġ nistqarruh, huma bil-waħdiet u l-awturi tagħhom jippromettu li bi ftit ta' taħriġ iehor għad ikunu kittieba teatrali mill-aħjar; produzzjonijiet oħra jagħtuk x'taħseb li huma sforz tajjeb ta' kittieba ġodda, oħrajn kittieba qodma, li kif fissirna diġà, għad li għandhom it-taħriġ tal-palk, jonqoshom dak it-tinġir fil-proża u dik l-arti drammatika moderna li huma wisq meħtieġa fil-letteratura drammatika tal-lum, fil-waqt li fl-aħħarnett il-bqija mhumiex ħlief dawk li dehrilna l-aħjar fost oħrajn li huma relativament ta' grad inferjuri, u li aħna għażilna biex ngħaqqdu n-numru li twiegħed mill-Kumitat.

Wara li eżaminat dawn id-disa' produzzjonijiet, il-Ġurija jidhrilha li mill-għoxrin produzzjoni li ikkonkorrew l-aħjar tlieta huma dawn:

L-EWWEL: *L-Ewwel Dmir* (Marti) — Charles H. Izzo.

Dan il-buzzett fih dak kollu li titlob il-kummiedja soċjali. Suġġett ittrattat tajjeb, bin-nauralezza, ħeffa u teknika meħtieġa. Karatterizzazzjoni psikoloġikament imfissra tajjeb. Dnub li fl-aħħar, fejn jidħol il-punt sentimentali tal-kummiedja, l-awtur ħabat joħroġ barra mil-limti.

IT-TIENI: *Salib Ħaddieħor* (Junius) — Ġużè Diacono, P.L.

Nisġa tas-suġġett tajba. Karatteri psikoloġikament milqutin. Djalogi naturali fix-xeħta tipika taż-żmien u ta' l-ambjent lokali. Xeneġġar mill-iktar modern, għalkemm mhux modern iżżejjed għall-palk Malti. Il-final, għad li donnu xena barranija mis-suġġett, igħaqqad b'sengħa kbira t-trufijiet li l-awtur ikun ħalla maħlulin apposta ma' tul ix-xogħol tal-"plot" tiegħu.

IT-TIELET: *Id-Dawl* (Musbieħ) — Pawlu Sammut.

Suġġett tajjeb għaż-żminijiet tal-lum; proliss f'xi espressjonijiet u f'ċerti punti mhux naturali biżżejjed. Il-karatterizzazzjoni ta' l-aqwa żewġ persunaġġi hija ftit u xejn psikoloġikament difettuża; u dan tixhdu l-bidla f'daqqa ta' sentimenti u fehmiet li tirrendi l-final b'sitwazzjoni inverosimili.

Minnufih wara, għall-mertu tagħha artistiku, għalkemm qasira ħafna, tiġi l-kummiedja: *Il-Musbieħ*.

*Il-Musbieħ* (David Gilhart) — E. Mifsud P.L.

Episodju familjari li l-qofol tiegħu hija l-karatterizzazzjoni tarraġel u l-mara fis-sentimenti ta' għira u suppervja, pont, li fl-isvolġiment semplići tas-suġġett mhux kull attur jista' japprezza jekk ma jkollux arti fina biżżejjed. Djalogi ħajjin, għalkemm mhux idjomatići biżżejed f'xi espressjonijiet. Fil-final mhemmx il-gradazzjoni psikoloġika meħtieġa.

Il-Gurija, wara li fissret il-kriterju tagħha fuq l-erba' kummiedji ta' hawn fuq skond l-ordni tal-mertu tagħhom artistiku, tħoss li għandha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-ħames produzzjonijiet l-oħra biex tkun għalqet ir-rapport tagħha b'eżami sħiħ fuq il-produzzjonijiet kollha li tressqu għal dan il-konkors, u l-kittieba jkunu jistgħu japprezzaw xogħlhom aħjar u b'mod li għalli ġej il-kitba tagħhom tkun aħjar.

Nagħtu, għalhekk, fuq fuq il-fehmiet tagħna fuq dawn il-ħames xogħlijiet miġjubin hawn taħt mhux skond il-mertu tagħhom, iżda skond l-ordni alfabetiku tagħhom:

a) *Il-Ħtija tintiret* (Didjan). — Suġġett antik daqs is-suġġetti firrumanzi ta' Carolina Invernizio, u mhux oriġinali għal kollox. Proża mexxejja u naturali f'ħafna bnadi. Jagħtik l-impressjoni ta' sett mobbli l-aktar moderni mqegħdin f'gabuba mudlama qadima.

b) *L-Immankat* (Stet). — Għalkemm il-"plot" huwa minsuġ tajjeb, id-djalogu f'xi bnadi huwa mqanżaħ u mġebbed u l-proża 'dgħajfa ħafna sew f'dak li hu kliem kemm f'dik li hi kostruzzjoni. Anomaliji 'l hawn u 'l hinn. Sabiħ il-final, iżda l-komposizzjoni nieqsa mit-teknika.

ċ) *It-Tmiem tal-Bidu* (Amphytrion). — Suġġett ibbażat fuq l-emanċipazzjoni tal-ħaddiema, li l-lum hija waħda mill-kwistjoni soċjali. Proża u djalogu mexxejja. Barra minn loku l-kambjament tax-xena u l-episodju tal-ġara ta' Lukrez. In-nisġa tas-suġġett nieqsa kemm xejn mitteknika ta' l-arti drammatika.

d) *It-Triq tan-Nofs* (Qawmien). — Suġġett ta' propaganda laburista bħal ta' qabel, iżda miktub b'inqas teknika u naturalezza, l-iktar fiddjalogu. Il-bidla fis-sentimenti tal-missier hija mgħaġġla wisq u tirrendi l-final wisq artifiċjali u bla effett.

e) *Żwiġijiet imħallta* (Praemonitus). — Suġġett aktarx sfiq u miftuħ iżżejjed, fir-realiżmu tiegħu. Karatteri tajbin, iżda mhux sostnuti sa l-aħħar imħabba l-kuntrast ta' sentimenti li jitbiddlu f'daqqa biex l-awtur jiġġustifika t-teżi tiegħu. Djalogu ħaj, iżda wisq argumentativ u twil. Il-kummiedja hija, għalhekk, ftit u xejn teknikament diffettuża, b'final ta' ftit saħħa u effett.

## II—RAPPORT FUQ IR-RAPPREŻENTAZZJONI TAL-PRODUZZJONIJIET

### Is-sehem tad-Diretturi tal-Kumpanniji

Għal dak li hu sehem fil-konkors rappreżentativ tal-produzzjonijiet ta' min jibda biex ifaħħar lid-Diretturi kollha mhux għax-xogħol li ħadu, iżda għal dak li hu spirtu artistiku li wrew meta daħlu bil-Kumpanniji tagħhom għal dan il-Konkors u, b'hekk, barra milli kienu ta' inkoraġġi-

ment għall-kittieba li ħadu sehem fil-konkors, bis-saħħa tagħhom, it-talent Malti kellu l-opportunità li jisviluppa ruħu fl-arti drammatika.

## Kriterji fl-eżami ġenerali tar-rappreżentazzjonijiet

Il-Ġurija, qabel ma waslet fid-deċiżjonijiet tagħha, studjat jekk innies tal-kumpanniji kollha li ħadu sehem, sew l-atturi prinċipali kemm l-atturi sekondarji, kinux jafu l-partijiet, kinux fehmu u daħlu fil-karattru li jirrappreżentaw, jekk il-karattru żammewhx mill-bidu sa l-aħħar, jekk il-*mise-en-scène*, il-vestjarju u l-irtokk kinux ikkurati, jekk il-ġesti, l-intonazzjoni, il-modulazzjoni u kadenzi kinux artistikament tajbin, jekk il-pawsi u l-kontraxeni kinux naturali, jekk il-fiżonomija fl-attur kenitx espressiva, u jekk, fuq kollox, il-kumpanniji ippreżentawx ruħhom kif titlob is-sengħa tar-reċitar modern.

Xi kumpanniji kienu tajbin (għalkemm ebda waħda ma kienet tajba fl-elementi tagħha kollha) u irkaċċaw f'xi ħwejjeġ li semmejna fuq, filwaqt li kumpanniji oħra kienu difettużi fil-kwalitajiet ta' l-arti jew ilgrad artistiku tagħhom fil-kotra ta' l-elementi tagħhom kien iktarx għajjien. Ħaġa li ma stennejnhiex minn xi elementi ta' kumpanniji f'konkors kienet dik li xi atturi (iktarx xbejbiet milli rġiel) waqgħu f'dak id-difett ta' ton deklamatorju u ta' kantaliena li juri fihom nuqqas ta' skola elementari fir-reċitar.

## Aċċessorji u Mekkaniżmi, eċċ., tal-Palk

Għal dawk li huma effetti tad-dawl, ta' għeluq ta' separju fil-ħin, ta' xenarju, ta' mekkaniżmu, il-Ġurija ma usietx id-diffikultajiet li joffri l-palk ta' l-*Orpheum* u, għalhekk, jekk kien hemm xi nuqqas jew difett f'dawn l-aċċessorji (u għandna nistqarru li xi difett deher li kien hemm) il-Ġurija ma setgħet tagħti tort lil ebda kumpannija jekk dawn l-effetti ma kinux tajbin biżżejjed.

Għalhekk nittamaw li f'konkorsi oħra, il-palk ikun fornut b'dawk l-aċċessorji li jinħtieġ, l-iktar f'konorsi ta' din il-għamla, meta hija ħaġa magħrufa biżżejjed illi dawn l-aċċessorji f'xi rappreżentazzjonijiet jagħmlu sehem importanti mill-arti xenika.

## Riżultat ta' l-Eżami tar-Rappreżentazzjonijiet

Wara li stħarrġet dan kollu u qiegħdet fuq il-miżien tal-kriterju tagħha l-preġji u d-difetti ta' kull rappreżentazzjoni f'dan il-Konkors teatrali, il-Ġurija sabet, skond il-fehma tagħha, li l-aħjar kumpanniji li ħadmu skond l-arti tar-reċitar fost il-kumpanniji l-oħra li ikkonkorrew, huma dawn, kif miġjubin hawn taħt waħda wara l-oħra skond l-ordni tal-mertu tagħhom :

1. Il-Kumpannija "RIBALTA" bil-kummiedja: *L-Ewwel Dmir* ta' Charles H. Izzo.

2. Il-Kumpannija "INDIPENDENTI" bil-kummiedja: *Żwiġijiet Imħallta* ta' Alb. M. Cassola.

3. Il-Kumpannija "FABRI" bil-kummiedja: *Salib Ħaddieħor* ta' Ġużè Diacono, P.L.

### Premjijiet Sekondarji (Consolation Prizes)

Il-Ġurija jidhrilha wkoll li għandha tirrikkmanda li jingħataw "Consolation Prize", mhux biss lill-Kumpanniji l-oħra li ħadu sehem fil-konkors, iżda lill-Awturi wkoll, bħala inkuraġġiment għall-ispirtu artistiku u nazzjonali li wrew.

### Ferħ u Ġieħ lill-Fundatur u Organizzatur

Il-Ġurija fl-aħħarnett jidhrilha li qabel tagħlaq dan ir-rapport tagħha tifraħ lill-Fundatur u Organizzatur tal-"Għaqda Bajda-u-Ħamra", is-Sur Nikol Biancardi, għar-riżultat hekk sabiħ li rnexxielu jikseb b'inkejja tat-twegħir kbir li ltaqa' miegħu u troddlu ħajr f'isem dawk kollha li jħobbu l-arti drammatika għall-interess kbir li s'issa wera biex igħin bil-ħidma tiegħu lil-progress tal-Palk Malti—interess u ħidma li b'riħithom it-teatru Malti qed jieħu r-ruħ u jintrafa' mill-għajb ta' repertorju fqir u antikwat li fiħ ma kellna xejn oriġinali ħlief xi farsa u xi dramm miktubin fuq il-fasla ta' l-iskola qadima b'kitba nieqsa minn dak kollu li titlob il-letteratura drammatika tal-lum.

Bosta kittieba ġodda, bosta kumpanniji u l-arti drammatika nnifisha kienu jibqgħu reqdin f'dawn l-aħħar tliet snin li kieku ma kenitx il-ħeġġa u l-ħidma u s-sens artistiku tiegħu.

(Fti.) J.E. BUSUTTIL.
A. CREMONA.
GINO MUSCAT AZZOPARDI.
*Eżaminaturi.*

---

## KONTRIBUZZJONIJIET GĦAR-RIVISTA TAGĦNA

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sur I. Muscat-Azzopardi, L.P. | £1 | 0 | 0 |
| Sur Geo. J. Vella | | 5 | 0 |
| Sur C. Vassallo, Ph.C. | | 7 | 6 |
| W.R. Patri Lett. P. Rapa, O.P. | | 5 | 0 |

## KTIEB ĠDID TA' ALB. CASSOLA

ALBERT CASSOLA, magħruf flimkien ma' sħabu Ġino u Ivo Muscat Azzopardi, G. Pisani u E. Serracino Inglott bħala kommedjografu tal-Palk Modern Malti, din id-darba, wara ftit li irregala lil-letteratura drammatika tagħna ġabra sabiħa ta' xogħlijiet drammatiċi, ħareġ ktieb li fih ġabra ġmielha ta' proża u poeżija magħżula li huwa kiteb 'l hawn u 'l hinn mill-1934 'l hawn, iżda l-iktar f'dawn is-seba' snin ta' l-aħħar.

Fil-prefazzjoni tal-ktieb huwa jgħid li ħafna mill-bċejjeċ tal-proża u poeżija kienu ntgħażlu biex jinqraw f'akkademji u programmi u li oħrajn minnhom ħadu l-premju f'konkorsi, iżda aħna jidhrilna illi l-proża ta' Cassola, (biex ma ngħidx ukoll il-versi), li tixbah lil ta' De Amicis, u li fil-Malti għandha ċertu stil tagħha, għalkemm kultant imżewqa b'xi kelma mqansħa fil-puriżmu tagħha, ma kellhiex bżonn ta' ċertifikati biex tinqara u biex il-ktieb isib il-bejgħ tiegħu, għax, kif igħid it-Taljan, il-ktieb "si raccomanda da se".

Hekk ukoll nistgħu ngħidu għat-titolu tal-ktieb imsemmi "Ġabra ta' Ġawhar". Il-qarrej Malti l-lum jaf jara bil-għajnejn ta' moħħu, bla għajnuna ta' nuċċalijiet, u jagħraf jekk il-proża jew versi jistgħux tassew jissejħu bl-isem ta' ġawhar mill-*bejjiegħ tad-deheb tal-letteratura Maltija*, jekk il-ħaġar tiegħu hux ġawhar jew le.

Billi ma kellniex żmien biżżejjed biex niflu dan il-ktieb li l-Awtur għoġbu jibagħtilna bi ħlewwa u qima, għal din id-darba ma nistgħu ngħidu xejn iżjed ħlief li l-qarrej tagħna jaqbillu jżejjen il-librerija tiegħu b'din il-ġawhra ġdida ta' ktieb u li jekk jiksbu huwa jkollu ktieb li, barra mill-merti tiegħu letterarji, għandu mertu ieħor artistiku tipografiku, jiġifieri ktieb imżejjen u mirqum bi stampa u karta mill-aħjar u li fl-aħħarnett, għalkemm jiswa ħafna, ma jqumx ħlief 3s. 6d. Jinxtara minn għand il-librara Aquilina ta' Triq Irjali, u Muscat ta' Triq il-Merkanti, il-Belt.

# Il-Lsien Għarbi

*Ta'* Fredu Nicholas

FTIT huma dawk il-Maltin li ma kinux f'pajjiżi tal-lsien għarbi li ħabblu rashom fuqu u, f'Malta, neħħi xi ftit studjużi, għal kotra dal-lsien mhux għajr il-lingwa ta' dawk il-Għarab maħmuġin li dari kienu jiġu hawn minn Barbarija jbigħu l-ħasira!

Iżda dawk l-eluf ta' Maltin li qegħdin fl-Istati ta' l-Affrika ta' Fuq, kif ukoll f'dawk tal-Lvant il-Qarib, u li mill-Iġbla ta' l-Atlas sa truf is-Sudan għamlu 'l djarhom, jafu tajjeb is-siwi u s-sbuħija ta' dal-lsien.

Aħna l-Maltin imissna nghożżu iżjed il-lsien gharbi għax barra mill-i lsienna huwa ta' ġebbieda waħda miegħu m'għandniex ninsew li l-gżejjer tagħna, il-lum, bħal fl-imgħoddi— u fil-fehma tagħna iżjed għalli ġej—kellhom, għandhom u sa jibqgħu jkollhom x'jaqsmu ħafna man-nies li jgħammru fil-pajjiżi t'Isfel minna u li jitkellmu f'dan il-lsien. Id-destin ta' pajjiżna, li qisu kewkba f'dak in-nofs qaws li jagħmel mix-xtut tal-Mediterran, kien mill-eqdem żmenijiet marbut man-nies li jgħammru hemm u l-ġrajja tagħna tgħallimna sewwa kemm kellna x'naqsmu magħhom. Issa dawn il-pajjiżi, imgħammra min-nies li konna nsejħulhom ta' *rashom marbuta*, reġgħu stenbħu, mexjin 'il quddiem b'passi mgħaġġla u diġà qegħdin jieħdu dak il-post fil-familja kbira tal-ġnus li kienu għoddhom tilfu għalkollox minħabba l-għaqda tagħhom ma' l-Imperu Ottoman.

Aħna li kellna x-xorti li ngħixu fost nies ta' bosta ġnus, nistgħu ngħidu fiż-żgur li l-ebda tmeżmiż m'għandu jkollna għal dawk il-ġnus tal-lsien gharbi: inneħħu darba għal dejjem millmoħħ dejjaq ta' xi wħud minna li dawk il-ġnus huma *retrogradi* għax min għâx qalbhom jaf tajjeb li ma kinux ħlief lubhiena u l-lum reġgħu qamu u bħal ma għamlu fil-qedem iċ-ċiviltà tagħhom diġà qiegħda tinħass.

Imma l-iskop ewlieni ta' dan l-artiklu hu biss li ngħidu xi ħaġa żgħir fuq il-Lsien Għarbi bħala lsien u fuq kif il-lum dal-lsien, bħal ġnus li jitkellmuh, raġa' qiegħed jistenbaħ u ma jdumx ma jarġa' jibda jxerred il-qawwa tiegħu mal-pajjiżi mbewsa mill-Baħar tan-Nofs.

Il-lum id-dinja kollha taf li l-pajjiżi tal-lsien gharbi qegħdin marbuta f'katina waħda taħt l-isem ta' *Għaqda Għarbija* kif ukoll kulħadd jaf li fir-ras ta' dawn il-ġnus hemm l-Eġittu li hu magħruf bil-pajjiż "għarbi" l-iktar minn ta' quddiem u li għandu l-ikbar popolazzjoni (fuq is-sbatax-il miljun), għalhekk il-pajjiżi għarab kollha qegħdin iħarsu lejn l-Art tal-Fargħuni biex jaraw liema triq għandhom jaqbdu.

Fost il-ħwejjeġ l-oħra li jridu jitfgħu 'l quddiem, l-Eġizzjani għandhom il-lsien li bih jitkellmu (li għalkemm mhux tagħhom għax ġej mill-Għarabja għalihom huwa lsien qaddis għax il-*Quran* miktub bih). Mela lil dal-lsien qegħdin jorqmuh u jdaħħluh f'kull mixja u taqliba tal-ħajja nazzjonali: fih qegħdin idaħħlu kliem *tekniku* li hu ġdid għal kollox, iqabbluh ma' kliem li jista' jixbhu u li jistaduh fil-bir tal-lsien għarbi, idawruh biex iwieġeb għall-ħtiġiet tax-xjenza ta' żmienna u issa, saħansitra, hemm tajfa ta' nies għorrief li jridu jaqilbu dan il-lsien ta' taħt fuq billi jibdew jiktbuh b'ittri Latini bħalma għamlet it-Turkija.

Issib min igħidlek: "Mela l-Eġizzjani jridu *jixxadinjaw* lit-Torok?" Xejn minn dan. Dawk l-Eġizzjani li jridu jagħmlu dir-rivoluzzjoni f'ilsienhom ma għandhomx f'moħħhom għajr li jersqu dejjem lejn il-Punent għax jafu li meta tbiegħdu minnu waqgħu rsiera tiegħu!

L-ewwel ma kien ħaseb għal dit-taqliba kien Aħmed Żaki Baxa, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ministri u wieħed mill-egħref irġiel tal-Lvant il-Qarib. Aħmed Baxa għal ħabta tal-1924 kiteb il-ġrajja tal-Ħakma Għarbija fil-pajjiżi tal-Mediterran u, fuq l-istess talba tiegħu li kien għamel lill-Komunità Maltija tal-Kajr, il-kittieb ta' dan l-artiklu kellu x-xorti li jkun mitlub mill-Kunsill biex igħin lil Baxa fil-kitba tiegħu safejn kellu x'jaqsam is-sehem li Malta kellha f'din l-Istorja. Il-lum, immexxijin minn Abdel Ażiż Faħmi Baxa u bosta mxierka oħra ta' l-*Akkademja tal-Lsien Għarbi* tal-Kajr qegħdin jitħabtu biex jaraw ilsienhom miktub b'ittri Latini. L-iskop tagħhom, kif għedna fuq, mhux biss huwa *letterarju* imma wkoll *pulitku* u *ekonomiku* għax, igħidu (u aħna naqblu magħhom) li meta l-Għarbi jkun miktub b'ittri Latini dal-Lsien jikber u jixtered mal-pajjiżi tal-Punent u tal-Lvant Imbiegħed u b'hekk il-Lvant il-Qarib ma jibqax mifrud bħalma kien s'issa mill-bqija tad-dinja.

Kontra dit-teorija, ma hemmx bżonn ingħidu, hemm xkiel

kbir mill-*konservativi*. Dawn qegħdin fil-Għaqda taż-Żgħażagħ Misilmin li l-iskop tagħhom huwa li l-pajjiżi ta' Dîn Muħammed jitbiegħdu dejjem mill-oħrajn għax jippretendu li l-ftit miljuni li huma (magħduda magħhom dawk ta' l-Indji) huma *iddestinati* li jmexxu d-dinja! Magħhom hemm ukoll *et pour cause* in-nies tar-reliġjon—l-*Ulèma*—(jiġifieri nies imgħallma) li jħaqqu li l-*Quran*, li hu l-ktieb qaddis tagħhom, huwa miktub b'ittri għarab u li jkun sagrileġġ kbir jekk il-Mislem jibdel dawn ma' ittri li ġejjin minn ġnus *kúfra*: jiġifieri *li ma jemmnux*.

U b'hekk it-taqbida *għal* u *kontra* l-kitba għarbija b'ittri Latini bejn il-*konservativi* u l-*progressisti* għadha dejjem sejra.

* * *

L-għaref u magħruf kittieb Gabarti darba kiteb: "L-ittri tal-kitba għarbija jixbhu iżjed lir-rakkmu milli 'l-kitba". Imma dan ma jfissirx li dal-lsien huwa mejjet, li qed imut jew li l-kitba tiegħu ma fiha l-ebda sies. L-għarbi jinkiteb *fonetikament* u huwa lsien ħelu u *mużikali* li għandu għadd kbir ta' mfietaħ u ta' ħsejjes għal kull leħen tiegħu; bħallikieku l-*s* għandha żewġ ħsejjes: it-*t* tnejn; id-*d* tlieta; għalhekk igħidu għal *s*, *sin*, *sad*; għat-*t*, *ta* u *tha* (l-*h* hawn taqbel mal-*h* fil-kelma ingliża *the*): għad-*d* *dal*, *dhal* u *dad*. Mela jekk fil-kitba tidħol waħda flok oħra minn dawn l-ittri s-sens tal-kelma jitbiddel għal kollox. *Gim*, *ħa*, *kħa*, jinkitbu l-istess, iżda jekk titniżżel tikka fuq jew taħt l-ittra l-pronunzja, kif ukoll is-sens tal-kelma, jitbiddlu; kważi l-ittri kollha ta' l-alfabet għarbi għandhom it-tikki.

Il-lsien għarbi mingħajr dubju huwa lsien tqil ħafna imma l-kitba tiegħu m'għandha x'taqsam xejn ma' dik ta' l-eġizzjani tal-qedem jew ma' dik taċ-ċiniżi. L-għarbi huwa miktub bi speċi ta' *metagrafija* bħal dik li tagħmel it-tieni taqsima ta' l-Istenografija Franċiża *Duployé*. Dan il-lsien—li l-kotra bostana ta' l-Ewropej li jgħammru f'dawk l-Istati fejn hu mitkellem jafu jitkellmuh sewwa ma le jiktbuh—huwa mill-ogħna ilsna tad-dinja. Fil-ħin li f'bosta ilsna oħra nsibu li ħafna ħwejjeġ jitfissru bl-istess kelma. fil-għarbi, għal kuntrarju, hemm kotra kbira ta' ħwejjeġ li tista' tfissirhom b'bosta kliem; bħallikieku biex infissru l-*ljun* nistgħu ngħidu *àssad*, *lejss*, *ħiżabr*, *dirgħam*, *sab* u xi għoxrin isem ieħor li dejjem jiswew bħala sinonimi ta' *ljun*; jingħad (għalkemm dan qatt ma rajtu miktub) li lill-*kelb* tista' tatih MITT isem u dejjem tkun qed tgħid l-istess ħaġa! Min-naħa l-oħra jekk għadd kbir ta'

ħwejjeġ jistgħu jitfissru b'kotra ta' kliem, hemm oħrajn—l-iżjed dawk li ġew maħluqa mit-teknika ta' żmienna—li għalihom il-lsien għarbi hu sajjem ħafna. Għalhekk l-Akkademja tal-Lsien Għarbi tal-Kajr il-lum qiegħda, bħalma qegħdin nagħmlu aħna l-Maltin, tfittex li *toħloq* kliem mill-istess ilsien biex twarrab dak il-kliem tekniku li daħal fih *imkisser* minn ilsna oħra; bħallikieku bil-għarbi vulgari *motor-car* tissejjaħ *utùmobil* (minn awtomobbli) fil-ħin li bil-għarbi letterarju dil-kelma ġiet mibdula f'*sajjara*, iżda "sajjara" (aħna għandna minnha l-verb "sejjer") tfisser "ħaġa li tiġri" bħal meta jgħidu *bi sùra*, jiġifieri "bil-għaġla" u għalhekk ma tistax tkun tfisser *lorry*, *trenu*, *truck*, eċċ., Hekk ukoll għal "telefon" issa ħolqu l-isem ta' *massâra* li ma taqbel xejn mal-kelma ewlenija għax "massâra" tfisser *ħaġa mistura*. Kliem ieħor maħluq dan l-aħħar hu : *miżja* jew *iżà* (radju), *ħakki* = "kel'iem" (fonografu), eċċ. L-Akkademja għadha kif ħarġet ktejjeb fuq dawn in-neoloġiżmi u l-lingwisti, grammatiċi u għorrief oħra eġizzjani u għarab m'humiex ħlief igħinu dit-tibdila fl-ilsien għarbi.

* * *

Għal xi mijiet ta' snin, il-lsien għarbi—minħabba d-divrenzja fir-reliġjon u, kif diġà għedna, il-waqgħa ta' l-Imperu Tork li fih kien jiġbor l-Istati Għarab—kien mifrud għal kollox mid-dinja tal-Punent wara li kien sewa ħafna meta l-Għarab kienu jaħkmu biċċa kbira mill-Ewropa tal-Mediterran. Issa dal-lsien għani u sabiħ huwa ftit magħruf barra minn dawk l-artijiet fejn hu mitkellem u għalhekk ftit kliem ġdid sata' jidħol fih.

Il-kitba għarbija, bħall-kitba ta' l-ilsna l-oħra kollha, fil-bidu kienet il-privileġġ ta' xi wħud biss u ftit jew xejn ma kienet daħlet fost il-poplu, tant hu hekk li fl-Eġittu, kif ukoll fil-pajjiżi l-oħra tal-lsien għarbi, il-kotra bostana għadha sal-lum ma tafx taqra u tikteb. Qabel il-miġja ta' l-Islam dawk li kienu mħarrġin fis-sengħa tal-kitba kienu jistgħu jingħaddu bla taħbit; kienu jiktbu b'żewġ għamliet ta' kitba msejħa *mássnad* u *nabâti* : wara ġiet il-kitba msejħa *soloss*, *nasskhi*, *taliki*, *rifani*, *muhakak* u *r'ka*; wara ġie l-*kûfi* (imsejjaħ hekk għax mill-belt ta' Kûfa li qabel l-Islam kienet iġġib l-isem ta' Kħat-ħiri—minn Hira fl-Iraq).

Fuq is-suġġett tal-kitba u tal-lsien mitkellem minn dejjem kien hemm polemiki kbar. Qabel ma twebblu fuq il-bidla ta' l-ittri minn għarab għal latini, il-kwistjoni kienet waqgħet fuq il-

vokabolarju. Ir-*riformisti* riedu li tinqata' darba għal dejjem il-għada taż-żewġt ilsna: jiġifieri tal-lsien mitkellem (volgari) u tal-lsien miktub (letterarju) li jissejjaħ *naħwi*. Dawn riedu li jkun hemm biss ilsien wieħed: il-lsien tal-poplu, fil-ħin li l-*konservatiri* haqquha bl-aħrax li l-għarbi għandu jibqa' dejjem maqsum f'żewġt ilsna, għalkemm ma jmirux li sehem kbir mill-ilsien miktub (jew mitkellem minn *dawk ta' l-iskola*—l-iżjed min-nies tar-reliġjon u minn dawk tal-liġi) huwa *lsien mejjet* għall-kotra bostana tal-poplu.

*(Jissokta)*

---

## PARIR

*Meta tislef ktieb waħħal biċċa karta bejn il-qoxra u l-frontispizju tal-ktieb u ikteb fuqha dawn il-versi biex tfakkar lil ħabibek r'inhu dmiru wara li jaqra l-ktieb li sliftu.*

### DIN TA' SIDEK L-GHAJTA!

(Imnebbħa minn oħra bl-Ingliż)

**Mur, ja ktieb ċkejken mur; għal ħabib tiegħi**
**sellili u mb'għad, bħalma kont tagħmel miegħi,**
**għaddilu ż-żmien u faraġ tih fid-dwejjaq,**
**għax kultant b'ħobżok biss il-qalb titrejjaq.**
**U meta fl-aħħar ikun qara kliemek**
**sat-tmiem wil-ħarsa jwarrab minn quddiemek,**
**sefsiflu ġo widnejh li ġewwa daru**
**int mort iżżuru bħalma ġie li żaru**
**ħabib bħalek li raġa' mar f'dar sidu;**
**li għalkemm sidek telqek ftit minn idu,**
**issa l-ħin sar li fih bħal mewġ fix-xtajta**
**int tarġa' għal darek: din ta' sidek l-għajta!**

* * *

# KONKORS TA' POEŻIJI U NOVELLI
# "PRONOSTKU MALTI 1949"

Bħas-snin l-imgħoddija, din is-sena wkoll il-PRONOSTKU MALTI 1949 qed iniedi Konkors Pubbliku ta' Poeżiji u Novelli b'risq l-isvilupp tal-Letteratura Maltija.

Ikun hemm tliet premijiet għall-aħjar tliet poeżiji u tliet premijiet oħra għall-aħjar tliet novelli ta' £3, £2 u £1 rispettivament.

Il-kondizzjonijiet huma dawn:

1. Kulħadd, hu xinhu għomru jew għomorha, ikun jista' jieħu sehem fil-Konkors;

2. Is-suġġett ta' kull poeżija u novella huwa liberu, imma ma jridx ikun moralment jew reliġjożament maħmuġ;

3. Il-poeżiji u la jistgħu jkunu ta' inqas minn 14-il vers u lanqas ta' aktar minn sittin vers (60), waqt li kull novella m'għandux ikun fiha iżjed minn 1,2000 kelma;

4. L-ebda konkorrent ma jkollu dritt jibgħat aktar minn poeżija u jew novella waħda biss;

5. L-istess awtur, madankollu, ikun jista' jieħu żewġ premijiet— wieħed għal kull waħda miż-żewġ taqsimiet tal-Konkors;

6. Kull konkorrent jista' jibgħat xogħlu jew xogħlijietu sew b'ismu u kunjomu jew bi *psewdonimu*, skond kif jogħġbu hu, waqt li jagħlaq l-indirizz f'envelopp għalih.

7. Hadd ma jkollu d-dritt jarġa' jieħu għalih ix-xogħol li jkun bagħat, billi l-proprjetà letterarja ta' kull xogħol mibgħut taqa' minnufih f'idejn l-Edituri;

8. Kull xogħol li jintbagħat jeħtieġ ikun oriġinali, m'hu ippubblikat qatt u mkien, u ittajpjat.

9. Ix-xogħlijiet li ma jeħdux premju jistgħu jkunu ippubblikati wkoll, imma ebda ħlas ma jingħata lil sidhom;

10. Id-deċiżjoni ta' l-Edituri tkun finali u ħadd ma jkollu dritt imur kontriha;

11. Ikun hemm żewġ eżaminaturi: wieħed għan-novella u l-ieħor għall-vers;

12. Kull xogħol għandu jkun indirizzat lid-Ditta Giov. Muscat, 48, Triq Merkanti, Valletta, mhux iktar tard min-nofs in-nhar tas-Sibt, 21 ta' Awissu, 1948.

JINBIEGH 1/-

Agent Direttur: A. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldeska,
Paula.

---

Hlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, 150, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.